# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017**

**Numru 6**

**Appell Ċivili Numru 2330/1999/1 SM**

**Carmelo Carabott; u b'digriet tat-13 ta' Frar 2017 wara l-mewt tal-attur il-kawża tkompliet f'isem martu Jane Carabott u t-tliet ulied tiegħu Owen John Carabott, Gordon Carabott u Tyrone Carabott**

***versus***

**Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Ġenerali (Dwana)**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Novembru 2012 li ċaħdet talba tiegħu biex jintraddu lilu ħwejjeġ maqbuda mid-dwana billi ddaħħlu f'Malta bi ksur tal-Ordinanza tad-Dwana [Kap. 37] u tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, li kien għadu fis-seħħ fiż-żmien relevanti.

2. Dawn il-ħwejjeġ kienu nqabdu bi tliet noti ta' qbid – 1387, 1388 u 1389 tal-1999 – iżda l-attur fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2011[1] ċeda t-talba tiegħu relativa għan-noti 1387 u 1389 u żammha biss għan-nota 1389, li kienet tolqot is-somma ta' elfejn u wieħed u erbgħin lira ta' Malta (Lm 2,041) u ħdax-il miljun u erba' mija u sitt elef lira tal-Italja [Lit 11,406,000]. Il-kawża għalhekk tkompliet dwar it-talba għar-radd ta' dawn il-flus, li f'munita tallum jiġu b'kollox għaxart elef, mitejn u ħamsa u sittin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€ 10,265.85).

3. Il-fatti li wasslu għall-kawża u r-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »… … … il-fatti li taw lok għall-proċedura odjerna jistgħu jiġu sintetikament esposti bil-mod segwenti:
>
> »illi r-rikorrenti kien impjegat bħala baħħâr mas-soċjetà *Sea Malta Company Limited* fuq il-vapur *M.V. Żebbuġ*;
>
> »illi meta l-vapur *de quo* daħal Malta fil-5 ta' Settembru 1999, ir-rikorrent ġie nnotat mill-uffiċċjali tad-dwana joħroġ mid-*Deep Water Key* [*recte*, *quay*] fejn mar *Timber Wharf* u ħeba xi ħaġa li sussegwentement irriżulta li kienu tmien (8) *nets* bl-għasafar tal-għana;
>
> »illi *di più*, minn tfittxija ulterjuri kondotta mill-imsemmija uffiċċjali tad-dwana, irriżulta li nstabu s-segwenti oġġetti fil-pussess tar-rikorrenti:
>
> »i. żewġ (2) fliexken tal-litru vodka;
>
> »ii. flixkun tal-litru *Campari*;
>
> »iii. flixkun tal-litru whisky;
>
> »iv. flixkun tal-litru rum;
>
> »v. żewġ (2) kartuniet sigaretti ta' marka partikolari u kartuna sigaretti ta' marka oħra;
>
> »vi. ammont ta' flus f'Liri Maltin;
>
> »vii. ammont ta' flus f'Liri Taljani;
>
> »illi għandu mill-ewwel jiġi osservat f'dan l-istadju li l-ammonti hawn deskritti (riprodotti mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati[2]), huma totalment differenti minn dawk indikati mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat promotur tiegħu;

---

1 *Fol.* 52 fl-atti tal-ewwel qorti.

2 Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar 2010 fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Carmelo Carabott.

»illi għalkemm ir-rikorrenti u l-kaptan tiegħu jiġġustifikaw il-pussess ta' tali oġġetti fuq il-bażi t'utilità neċessarja għall-użu fuq il-bastiment *de quo*, però għandu jingħad li dan ma jiġġustifikax il-ksur tal-Liġi tad-Dwana u tal-Kontroll tal-Kambju viġenti fil-perjodu in diżamina;

»illi *di più*, l-istess oġġetti ma jirriżultax li kienu għall-użu esklussiv fuq il-vapur *de quo*, iżda kienu ser jiddaħħlu Malta bi ksur lampanti tal-liġijiet *de quo* [*sic*], u fl-istess ħin meta l-istess rikorrenti kien qed jik-kuntrabanda ammont sostanzjali t'għasafar;

»Illi s-sostent [*swic*] tal-kaptan mhux biss hu illegali iżda preokkupanti *stante* li, fuq vapur, hu l-kaptan li jirrappreżenta l-ordni istituzzjonali, u kemm-il darba, bħal ma rriżulta fil-każ odjern, dan ikun laxk fid-dmirijiet tiegħu, iwassal għal diżgwid inutili fejn min ikun involut malajr jiġi żgwidat.

»Għaldaqstant, *in vista* tal-premess din il-qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement, fil-waqt li takkolji r-risposti tal-kontrollur intimat, tirrespinġi t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti fuq indikat;

»Illi *di più*, *in vista* li fl-atti odjerni jirrizulta li l-kwantitattivi indikati bil-ġurament tiegħu fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jirriżulta li qed jieħu ġurament falz meta l-istess jiġi pparagunat mal-kwantitattivi indikati fis-sentenza tal-Qrati tal-Maġistrati, tordna li l-atti jintbaghtu lill-Kumm-issarju tal-Pulizija biex jinvestiga hemmx rapunijiet biżżejjed biex jittieħdu proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti Carmelo Carabott għall-ġurament falz.«

4. L-attur appella b'rikors tat-28 ta' Novembru 2012 li għalih id-Direttur Ġenerali (Dwana) wieġeb fl-24 ta' Diċembru 2012. L-attur fisser l-aggravju tiegħu hekk:

»... … … l-ewwel onorabbli qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi applikabbli għall-każ *de quo* u tat interpretazzjoni erronea u żbaljata tal-istess;

»... … … l-ewwel onorabbli qorti ma fehmitx il-*quæstio juris* li hija kienet mitluba sabiex tiddeċiedi dwaru. Dan jidher mill-konsider-azzjonijiet għal kollox irrilevanti u żbaljati li għamlet l-ewwel onorabbli qorti fid-*decide* tagħha;

»… … ... l-esponent fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2011 ippreżenta kopja legali tal-atti tal-proċeduri penali fl-ismijiet <u>il-Pulizija *v.* Carmelo Carabott</u> li kienu ġew definittivament konklużi nhar l-1 ta' Frar 2010 b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u minn liema sentenza ma ġie interpost l-ebda appell minn xi waħda mill-partijiet, iżda anke għalhekk ġie ċensurat għall-allegat tentativ ta' żvijar tal-qorti;

»Illi minn qari ta' din is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-1 ta' Frar 2010 jirriżulta li r-rikorrent ammetta l-ewwel tliet akkużi li kienu jirrelataw is-sejbien ta' għasafar, flixken tax-xorb u sigaretti u ta' dawn instab ħati. Ir-rikorrent però ma ammettiex l-akkuża relatata ma' flus f'munita taljana u maltija u ta' din l-akkuża huwa ġie illiberat;

»Illi fil-fatt ir-rikorrent fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2011 informa lil din l-onorabbli qorti [*recte*, lill-ewwel qorti] li huwa kien qed iċedi t-talba tiegħu għal dak li kien jirrigwarda n-noti ta' qbid 1387/99 (flixken tax-xorb u sigaretti) u 1388/99 (għasafar tal-għana) iżda kien qed iżomm ferm it-talba tiegħu għal dak li kien jirrigwarda n-nota ta' qbid bin-numru 1389/99 (flus f'munita taljana u dik maltija). Dan sar fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u wkoll fid-dawl tal-ordni ta' distruzzjoni minn dik il-qorti tal-oġġetti mertu tan-noti ta' qbid 1387/99 u 1388/99;

»Illi għalhekk l-ewwel onorabbli qorti kienet imsejħa biss sabiex tidde-ċiedi dwar ir-rilaxx *o meno* tas-somma ta' 11,406,000 Liri Taljani u Lm 2,041. Il-Liri Taljani nhar it-23 ta' Jannar 2002 (meta l-Istat Taljan adotta l-Euro) ġew konvertiti f'liri Maltin għal valur ta' Lm 2,366.13. Il-Liri Maltin … … … ġew konvertiti f'munita Euro. It-total għalhekk mertu ta' dawn il-proċeduri huwa ta' €5,890 (dawk li kienu f'munita taljana)[3] li flimkien ma' €4,754.25 (dawk li kienu f'munita Maltija) jammontaw għal total ta' €10,644.25[4].

»Illi l-kwistjoni kollha pendenti hija jekk ir-rikorrenti kellux ġustifik-azzjoni sabiex ikollu dawn il-flejjes fil-pussess tiegħu u jekk il-qbid u ż-żamma ta' dawn il-flejjes da parti tal-Kontrollur tad-Dwana issibx konfort fil-liġi;

»Illi bir-rispett jidher li dan il-fatt ma fehmitux l-ewwel onorabbli qorti għaliex għamlet konsiderazzjonijiet u evalwat ix-xiehda fid-dawl ta' talbiet li rrinunzja għalihom l-appellant odjern. Minflok il-kwistjoni tal-flus, l-ewwel onorabbli qorti daħlet fil-kwistjoni ta' alcohol, sigaretti u għasafar u ċċensurat xhieda li kienu qed jixhdu dwar tal-ewwel u mhux dwar it-tieni u akkużathom b'laxk kimeriku fid-dmirijiet tagħhom;

»Illi sabiex wieħed jasal għal punt mertu tal-kawża jrid jistrieħ esklussivament fuq ix-xhieda prodotti mir-rikorrent innifsu, il-Kaptan Hermann John Thorton u l-atti proċesswali tal-proċeduri Il-Pulizija *v.* Carmelo Carabott;

»Illi r-rikorrent *a tempo vergine* … … … kien ta spjegazzjoni għalfejn kien iżomm il-flus li nstabu għandu fil-kabina li huwa kellu fuq il-vapur *M.V. Żebbuġ*. Huwa qal li għar-raġunijiet hemm spjegati huwa ma kienx jafda li jżomm flus id-dar u kien iġemma' l-flus li kien jifdallu mill-paga fil-kabina li huwa kellu fuq il-vapur. Il-flus kif jirriżulta minn xhieda nstabu f'kexxun li indika r-rikorrent stess lill-uffiċjali tad-dwana, liema kexxun kien imsakkar u kien jinfetaħ b'ċavetta li kellu r-rikorrent biss. Huwa reġa tenna l-ġustifikazzjoni minnu mogħtija meta reġa' xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Diċembru 2003 u reġa' ta l-ispjegazzjonijiet neċessarji meta xehed quddiem din l-onorabbli qorti [*recte*, l-ewwel qorti] kif presjeduta nhar it-23 ta' Novembru 2011 fejn anke spjega kemm kien jaqla paga u kemm kien ilu jaħdem fuq il-vapur in kwistjoni li altru li jiġġustifika li kien ġemma' s-somma li nstabet għandu. Id-diskrepanza fix-xiehda tar-rikorrenti li

3 Il-flus f'munita taljana – Lit 11,406,000 – ġew konvertiti f'Lm 2,366.13 (ara *fol.* 119 tal-atti tal-ewwel qorti) li meta Malta adottat l-euro bil-kambju ta' 0.4293 Lm/€ ġew jiswew € 5,511.60. Il-figura ta' € 5,890 imsemmija bir-rikors tal-appell hija kemm kienu jiswew f'euro l-liri taljani meta ġew konveriti f'liri ta' Malta u mhux meta eventwalment dawk il-liri ta' Malta ġew konvertiti f'euro.

4 Għar-raġuni mogħtija fin-nota ta' qabel din, illum il-flus maqbuda jiswew € 4,754.25 + € 5,511.60 = € 10,265.85.

allegatament irriżultat lill-ewwel onorabbli qorti ma tirriżulta minn imkien;

»Illi dak li xehed ir-rikorrent huwa sorrett mix-xhieda tal-Kaptan Hermann John Thorton li kkonferma l-*allowances* li kienu jingħataw il-baħrin fuq il-vapur u kkonferma x-xiehda li kien ta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-12 ta' Ġunju 2002. Aktar importanti kkonferma l-modalità ta' kif kienet titħallas il-paga lill-baħrin u l-fatt li oġġetti li kienu ser jinżammu abbord il-vapur ma kinux jitniżżlu fil-*pratique disposition* eżebita in atti. L-istess kien konfermat minn Saviour Mallia li xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar il-31 ta' Ottubru 2002;

»Illi hija importanti ukoll ix-xiehda tas-Sur Frankie Caruana, impjegat tal-Bank Ċentrali ta' Malta li xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar il-31 ta' Ottubru 2002, li spjega xi flejjes wieħed seta' jdaħħal u joħroġ mill-pajjiż. Fil-fatt jirriżulta (anke mix-xhud Jean Noel Cutajar) li mhux talli r-rikorrent ma' vvjolax il-liġi fil-każ in kwistjoni iżda, wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, ir-restrizzjonijiet li abbażi tagħhom il-Kontrollur intimat isostni li ma għandux jirrilaxxja l-flus maqbuda lanqas biss għadhom jeżistu fil-liġi Maltija;

»Illi l-ewwel onorabbli qorti lanqas remotament ma kkunsidrat il-punti ta' dritt sollevati miż-żewġ partijiet;

»Illi huwa prinċipju bażiku tad-dritt nostran li min jallega jrid jipprova. Għalkemm f'dawn il-proċeduri l-oneru huwa fuq ir-rikorrent li kien ġustifikat f'li jkollu l-flus misjuba għandu fil-pussess tiegħu, l-intimat Kontrollur tad-Dwana ma jistax joqgħod inattiv u ma jressaq l-ebda prova li tiġġustifika ż-żamma da parti tiegħu tal-flus misjuba għand ir-rikorrent fuq il-vapur *M.V. Żebbuġ* nhar il-5 ta' Settembru 1999. Ir-rikorrent ressaq il-provi kollha neċessarji sabiex jipprova l-każ tiegħu u dan għamlu lil hemm mil-grad rikjest mil-liġi f'dawn il-proċeduri. L-intimat bl-ebda mod ma kkontesta l-provi mressqa mir-rikorrent u tella' biss xhieda li kkonfermaw fatti li diġà kien ikkonferma r-rikorrent stess u *cioè* li flus nstabu għandu. Għalhekk ir-rikorrent ipprova l-każ tiegħu sodisfaċentament u t-talbiet tiegħu għandhom jintlaqgħu fit-totalità tagħhom;

»Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat qed jibbaża ż-żamma tiegħu tal-flus mertu ta' dawn il-proċeduri abbażi ta' liġi li ma għadhiex fis-seħħ. It-teżi tal-intimat hija bbasata fuq il-liġi tal-kambju li suppost kienet applikabbli nhar il-5 ta' Settembru 1999. Huwa punt stabillit li qorti ma tistax fil-mument li tagħti d-deċiżjoni tagħha tapplika liġi li ma għadhiex fis-seħħ. Anke x-xhud l-Avukat Jean Notel Cutajar ikkonferma, għalkemm strettament ma kienx hemm bżonn tal-konferma tiegħu tal-liġi applikabbli, li illum il-ġurnata l-liġi li kienet applikabbli fl-1999 ġiet abrogata u dan in linea mal-prinċipju tal-*free movement of persons* u *free movement of capital* fil-Komunità Ewropea;

»Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat li l-intimat ma ġab l-ebda prova li l-flus misjuba għand ir-rikorrent qatt ħarġu minn Malta jew iddaħħlu f'Malta. Dan qiegħed jingħad *in vista* tal-fatt li l-flejjes instabu msakkra f'kexxun li indika r-rikorrent stess u li kellu aċċess għalih huwa biss fuq vapur reġistrat Malta u proprjetà ta' kumpanija / entità ġuridika Maltija. Huwa ben risaput li *ai fini* tal-liġi vapur reġistrat Malta u proprjetà ta' soċjetà Maltija bħalma kienet is-*Sea Malta* huwa estensjoni tat-territorju ta' Malta u għalhekk sakemm il-flejjes in

kwistjoni nżammu fuq il-vapur dawk il-flejjes għandhom jitqiesu li kienu f'Malta u li baqgħu hekk miżmuma.«

5. Il-konvenut wieġeb hekk:

»Illi l-aggravju tar-rikorrent li l-ewwel onorabbli qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi u li tat interpretazzjoni erronea u żbaljata tal-istess huwa insostenibbli għas-segwenti raġunijiet:

»Illi a kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat mir-rikorrent fl-aggravju tiegħu, mhux minnu li l-ewwel onorabbli qorti għamlet "... konsiderazzjonijiet għal kollox irrilevanti u żbaljati" fid-*decide.* Fil-fatt l-azzjoni odjerna hija proċedura għar-rilaxx ta' ammont ta' flus kontanti li llum jammontaw għall-ekwivalenti f'Euro għal għaxart elef, sitt mija u erbgħa u erbgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€10,644.25)[5] maqbuda *ai termini* tal-artikoli 60(*h*) u 62(*a*) tal-Kap. 37 abbinat mal-*Exchange Control Act.* Għalhekk permezz ta' l-azzjoni odjerna din l-onorabbli qorti kellha tikkunsidra, kif fil-fatt għamlet, jekk il-flus maqbuda li ma kinux dikjarati mill-appellant Carabott, kinux fil-pussess tiegħu bi ksur tal-*Exchange Control Act o meno*.

»… … … l-esponent jirrileva li l-azzjoni ċivili hija separata u indipendenti mill-azzjoni kriminali u, a differenza ta' proċeduri kriminali, l-oneru tal-prova fil-proċeduri odjerni huwa a bażi ta' probabilità. Għalhekk isegwi li l-fatt li l-appellant ġie liberat mill-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu fir-rigward tal-flus mhux dikjarati lid-dwana huwa irrelevanti għall-azzjoni odjerna quddiem il-Qrati Ċivili kompetenti.

»… … … l-appellat ma jaqbilx mal-lanjanza tal-appellant li l-mertu ta' din l-azzjoni hu sempliċiment jekk l-appellant kienx ġustifikat li jkollu dawk il-flus fil-pussess tiegħu *o meno*. Illi a kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat, l-appellant jirribatti li l-pern tal-kwistjoni hu jekk l-appellat kienx ġustifikat li jaqbad il-flus in kwistjoni in ottemperanza ma' dak stipulat fl-Artikoli 60(*h*) u 62(*a*) tal-Kap. 37 u l-*Exchange Control Act o meno*.

»… … … l-esponent jirrileva li x-xhieda tad-dwana partikolarment ta' Alexander Sciberras kienet utli sabiex tispjega x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tfittxija fil-kabina tar-rikorrent Carabott u għas-sejba tal-flus kontanti; filwaqt li x-xhud l-Avukat Jean Noel Cutajar xehed bħala rappreżentant tal-Bank Ċentrali ta' Malta dwar il-liġi li kienet applikabbli fiż-żmien li seħħ il-każ in eżami.

»… … … l-ewwel onorabbli qorti għażlet li, fiċ-ċirkostanzi ċari tal-każ, temmen ix-xhieda u l-verżjoni tal-appellat minflok dik tal-appellant u x-xhud tiegħu. Effettivament, il-fatti kollha tal-każ jimilitaw lejn il-fatt li l-verżjoni ta' l-appellant mhix kredibbli *stante* li kif ben irriteniet l-ewwel onorabbli qorti jirriżulta li l-appellant "għandu jingħad li dan ma jiġġustifikax il-ksur tal-Liġi tad-Dwana u tal-Kontroll tal-Kambju viġenti fil-perjodu in diżamina". *Inoltre*, għandu jingħad ukoll li peress li l-appellant inqabad *in flagrante* jikkuntrabanda kemm ammont sostanzjali ta' xorb alkoħoliku u t'għasafar kif ukoll il-flus in kwistjoni (mertu ta' din l-azzjoni) li instabu fl-istess ċirkostanzi waqt li l-appellant kien għaddej b'din l-attività illeċita, l-ewwel onorabbli qorti kienet korretta li ssemmi l-imsemmija oġġetti. Fil-fatt, jirriżultaw diversi diver-

5 Ara nota 4, *supra*.

ġenzi fix-xiehda tal-appellant Carabott u *cioè* meta xehed fil-5 ta' Lulju 2011 fejn waħħal fil-mara tiegħu u sostna li l-flus Maltin kien iżommhom fuqu għaliex ma kienx jafdahom id-dar peress li martu kienet tħobb tilgħab it-tombla u wliedu kienu jġibu ħafna ħbieb id-dar, filwaqt li fil-proċeduri kriminali fil-11 ta' Diċembru 2003 ta verżjoni differenti li "dawna kont qed infaddalhom fuq il-vapur biex nieħu lill-familja tiegħi Ruma". *Inoltre*, l-argument tal-appellant li qed jipprova jiġġustifika l-ammont ta' flus kontanti li nstab fil-pussess tiegħu bħala tfaddil ta' kemm kien ilu jaħdem fuq il-bastiment huwa irrelevanti għall-mertu odjern, *stante* li n-nuqqas tiegħu kien unikament fil-fatt li l-appellant ma iddikjarax dawn il-flus, kif kien obbligat li jagħmel skont il-liġi.

»*Inoltre*, l-appellat jirribatti l-argument tal-appellant li "sabiex wieħed jasal għall-punt mertu tal-kawża jrid jistrieħ esklussivament fuq ix-xhieda prodotti mir-rikorrent …" bħala insostenibbli *stante* li apparti li l-appellant innifsu mhux kredibbli, hekk ukoll mhux kredibbli dak li xehed il-Kaptan Thorton meta xehed li l-oġġetti li kienu ser jinżammu abbord il-vapur ma kinux jitniżżlu fil-*pratique disposition* minħabba spazju fl-istess dikjarazzjoni. Dan ma jispirax kredibilità u serjetà tal-proċedura prattikata fil-perijodu in kwistjoni, speċjalment meta l-membri l-oħra tal-ekwipaġġ ma sabux diffikultà li jiddikjaraw l-oġġetti fil-pussess tagħhom skont il-liġi. Dan għar-raġuni li kif jidher mill-istess dokument anness mal-*pratique deposition* ippreżentat mal-*affidavit* tax-xhud Arnold Grima …, l-appellant lanqas biss għamel l-iċken tentattiv sabiex jiddikjara xi effetti personali li kellu fil-pussess tiegħu abbord il-bastiment u addirittura ingassa l-ispazji kollha fejn hu seta' jiddikjara xi oġġetti li kellu, a kuntrarju ta' kif għamlu l-maġġoranza tal-membri l-oħra tal-ekwipaġġ. *Inoltre*, l-istess Kaptan Thorton xehed b'mod kontradittorju meta sostna fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2002 fil-proċeduri kriminali li "Hija proċedura tagħna illi qabel ma nidħlu fil-Port ta' Malta, kull membru tal-*crew* jingħata dan id-dokument li fih għandu jiddikjara x'oġġetti għandu għal-fini tad-dwana, imbagħad jiffirma maġenb id-dikjarazzjoni tiegħu". Għalhekk, a kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat mill-appellant mhux assolutament minnu li l-appellat qagħad "inattiv" u li "bl-ebda mod ma kkontesta l-provi mressqa mir-rikorrent."

»*Inoltre*, in sostenn tal-pożizzjoni tal-appellat għandu jingħad li x-xhud Frank Caruana xehed li l-baħrin m'għandhom l-ebda *allowance* partikolari fejn jidħol il-pussess ta' flus li jista' jkollhom għandhom, apparti li xehed li irriżultalu li l-appellant Carabott ma kellux permess sabiex jimporta u jkollu fil-pussess tiegħu Liri Taljani. L-appellat jirribatti li mhux minnu li, wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, ir-restrizzjonijiet fuq flus m'għandhomx jeżistu u in sostenn ta' dan l-appellat jagħmel referenza għall-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kap. 233).

»*Inoltre*, l-appellat jsostni li jirriżulta mill-atti li huwa ġab provi sodisfaċjenti sabiex isostni l-każ tiegħu li l-appellat Carabott naqas milli jiddikjara l-flus kontanti li kienu fil-pussess tiegħu bi ksur tal-*Exchange Control Act.* Effettivament, l-appellat jirribatti l-argumenti tal-appellant … bħala ma jreġux stante li l-Avukat Cutajar xehed b'mod ċar … li l-*Exchange Control Act* kienet applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ u li sa massimu ta' elf lira Maltin (Lm 1,000) ma kienx hemm bżonn ta' dikjarazzjoni mad-dwana. *Inoltre*, l-argument tal-appellant li peress li l-

> *Exchange Control Act* m'għadux fis-seħħ il-qorti ma tistax tagħti deċiżjoni dwaru ma jreġix *stante* li meta seħħ il-każ din kienet il-liġi applikabbli, apparti li din hija in konformi mal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249). *Inoltre*, l-appellat f'dan ir-rigward jerġa' jagħmel referenza għall-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kap. 233).
>
> »… … … l-appellat jirribatti li l-lanjanza tal-appellant li l-bastiment huwa territorju Malti u għalhekk il-flus la ħarġu u lanqas daħlu Malta ma jreġix *stante* li skont id-dikjarazzjoni tal-Kaptan il-bastiment kien ġej minn Reggio Calabria fl-Italja u kien dieħel ġewwa territorju Malti. Għalhekk isegwi li kull baħri u passiġġier li kien hemm fuqu kellu l-obbligu li jagħmel tali dikjarazzjoni mal-wasla tiegħu f'Malta, irrelevanti mill-mezz tal-ġarr u min-nazzjonalità tal-mezz ta' transport użat minn kwalsiasi persuna li tkun qed timporta flus esteri jew Maltin ġewwa Malta. Jekk din id-dikjarazzjoni skont il-liġi tal-kambju ma ssirx minn kull vjaġġatur li jkun fil-pussess ta' ammont ta' flus li jeċċedi l-*minimum* rikjest [*recte*, permess] mill-liġi, allura tinħoloq konfużjoni sħiħa sabiex tiġi applikata l-istess liġi fil-konfront ta' min għar-raġunijiet tiegħu jagħżel nazzjonalità partikolari tal-mezz li bih ikun se jivvjaġġia lejn Malta.«

6. Il-fatt illi l-ewwel qorti għamlet ukoll konsiderazzjonijiet dwar ix-xiehda fuq il-fliexken tax-xorb, sigaretti u għasafar, għalkemm l-attur kien irrinunzja għat-talba biex dawn jintraddulu, ma jfissirx – kif irid l-attur – illi dawk il-konsiderazzjonijiet kienu irrelevanti jew li l-qorti ma fehmitx li l-kawża kienet biss dwar il-flus maqbuda. L-ewwel qorti ma sejsitx id-deċiżjoni tagħha dwar il-flus fuq konsiderazjonijiet dwar il-ħwejjeġ l-oħra iżda dawk il-konsiderazzjonijet għamlithom biex tfisser il-konklużjoni tagħha illi x-xiehda tal-attur u tax-xhieda mressqa minnu ma kinitx ta' min joqgħod fuqha. L-ewwel qorti fissret il-fehma tagħha – għalkemm forsi xi ftit lakonikament – illi kif l-attur u x-xhieda tiegħu ma kinux ta' min joqgħod fuqhom meta xehdu fuq il-ħwejjeġ l-oħra hekk ukoll ma setgħetx toqgħod fuqhom meta xehdu fuq il-flus. Il-fatt illi l-attur ċeda t-talba tiegħu dwar dawk il-ħwejjeġ l-oħra ma jfissirx illi x-xiehda dwar dawk il-ħwejjeġ issa saret irrelevanti, għallinqas għalgħanijiet ta' ġudizzju dwar il-kredibilità ta' min ta dik ix-xiehda.

7. Lanqas ma huwa neċessarjament determinanti l-fatt illi l-attur instab mill-Qorti tal-Maġistrati mhux ħati tal-akkuża dwar il-flus. Fil-proċeduri penali taħt l-art. 62 tal-Ordinanza tad-Dwana l-oneru qiegħed fuq il-prosekuzzjoni li turi ħtija lil hemm minn kull dubju raġonevoli, waqt illi fi proċeduri ċivili – bħal dawk tallum – mibdija taħt l-art. 73 tal-istess ordinanza minn min jilmenta dwar il-qbid l-oneru qiegħed fuq l-attur, għalkemm biss sal-grad tal-probabilità, li juri li l-ħwejjeġ maqbuda għandhom jintraddulu.

8. Huwa wkoll irrelevanti l-argument illi llum, bil-prinċipju tal-moviment ħieles ta' kapital wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, dak li għamel l-attur ma għadux bi ksur tal-liġi. Il-konfiska seħħet, bis-saħħa tal-art. 60 tal-ordinanza, fil-5 ta' Settembru tal-1999, u għalhekk li trid tara l-qorti huwa jekk il-konfiska saritx sew u kif trid il-liġi meta seħħet, fl-1999, u mhux jekk il-konfiska tkunx tiswa kieku seħħet illum.

9. L-aħħar argument tal-attur huwa illi ma nġabet ebda prova mill-Kontrollur tad-Dwana illi l-flus qatt ħarġu minn Malta jew iddaħħlu f'Malta għax instabu fuq bastiment malti li jitqies territorju malti.

10. Dan huwa minnu iżda l-bastiment kien daħal Malta ġej minn pajjiż ieħor u kien imiss lill-attur juri illi l-flus qatt ma ħarġu minn Malta jew iddaħħlu f'Malta, u mhux lill-kontrollur li jagħmel il-prova tal-kuntrarju.

11. Tifdal il-kwistjoni għalhekk jekk il-flus, kemm maltin u kemm taljani, kinux leġittimament f'idejn l-attur meta nqabdu f'Settembru 1999 "*subject to the provisions of the Customs Ordinance and any other*

*law*"[6]. *Any other law* fil-każ tallum huwa l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju kif kien fis-seħħ f'Settembru tal-1999.

12. Dwar flus barranin l-art. 5 tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju kien irid illi kull persuna illi, f'Malta jew ukoll barra minn Malta jekk tkun residenti f'Malta, ikollha f'idejha flus barranin għandha "toffri … … … dawk il-flus barranin, jew tara li jiġu offerti, għall-bejgħ lil negozjant awtorizzat kemm-il darba l-Ministru ma jagħtix il-kunsens sabiex iżżommhom". Kien imiss lill-attur jagħmel il-prova li kellu l-kunsens tal-ministru u din il-prova ma għamilhiex. Il-flus barranin għalhekk ma jistgħux jitqiesu li kienu legalment f'idejh.

13. Dwar il-flus maltin l-art. 11(1) tal-istess att kien igħid illi "ħlief bil-permess tal-Ministru, ebda persuna ma għandha timporta f'Malta jew tesporta barra minn Malta xi biljetti tal-flus jew muniti li huma jew li kienu f'xi żmien valuta legali f'Malta". Hawn ukoll l-attur naqas milli jagħmel il-prova illi kellu l-permess tal-ministru.

14. Għal dawn ir-raġunijiet lill-attur ma seħħlux juri illi l-flus ma kellhomx jinqabdu u illi għandhom jintraddulu.

15. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ħlief illi, billi l-attur ġie nieqes sakemm damu dawn il-proċeduri, ma hemm ebda ħtieġa illi l-atti jintbagħtu lill-Kummissarju tal-Pulizija kif irid l-aħħar paragrafu tas-sentenza appellata.

---

[6] Nota ta' qbid numru 1389/1999, *fol.* 83 tal-proċess tal-ewwel qorti.

16. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jitħallsu mis-suċċessuri tal-attur li f'isimhom tkompliet il-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb